MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2010

Appell Kriminali Numru. 32/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mary Cassar**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell – anzi proprjament zewg appelli – minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fil-25 ta’ Jannar 2010 fil-konfront ta’ Mary Cassar. Minn din is-sentenza appellaw kemm l-imsemmija Mary Cassar kif ukoll l-Avukat Generali.

**2.** Mary Cassar (bint Anthony Paul Demajo u Apollonia nee Ciappara, imwielda fl-10 ta’ Marzu 1956, detentrici tal-karta ta’ l-identita` nru 175156M) tressqet b’att ta’ citazzjoni (datat 25/9/2008) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzata talli fis-7 ta’ Settembru 2008 ghall-habta tad-9.00 p.m. u/jew wara din id-data u hin, f’dawn il-

Gzejjer (**i**) bil-hsieb li taghmel hsara lir-ragel taghha Edward Cassar u/jew lil persuni ohra, akkuzat lil dik il-persuna quddiem awtorita` kompetenti b'reat, filwaqt li kienet taf li dik il-persuna hija innocenti, u (**ii**) talli ddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li kienet taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Il-kawza mxiet bi procedura sommarja *ab intio* bil-kunsens kemm tal-Avukat Generali kif ukoll tal-imputata

**3.** Bis-sentenza li llum tinsab appellata, cioe` s-sentenza tal-25 ta' Jannar 2010, il-Qorti Inferjuri lliberat lill-imsemmija Mary Cassar mill-ewwel imputazzjoni (dik ta' kalunja), kif ukoll illiberatha mit-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghar-reat ta' simulazzjoni reali ta' reat, <u>izda sabitha hatja skond dik il-parti tat-tieni imputazzjoni li tipotizza r-reat ta' simulazzjoni verbali ta' reat</u> u, b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446, illiberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena (*conditional discharge*).

**4.** Fir-rikors tal-appell taghha, Mary Cassar tillanja li l-ewwel qorti malament sabitha hatja ta' simulazzjoni verbali ta' reat (cioe` li ddenunzjat reat lill-Pulizija Ezekuttiva li kienet taf li ma sarx). Skond din l-appellanti kullma ghamlet hi kien li, kif saret taf li fuq il-*cabin cruiser* ta' zewgha kien hemm persuna bil-laqam ta' Pele`, hija infurmat lill-Ispettur Carlo Ellul, kif dan kien talabha li taghmel peress li l-imsemmi spettur kien qed ifittex lill-imsemmi Pele`. Effettivament fuq il-*cabin cruiser* kien hemm persuna bil-laqam ta' Pele`, izda din ma kienitx il-persuna li l-Ispettur Ellul kien qed ifittex.

**5.** Min-naha tieghu l-Avukat Generali jikkontendi li mill-provi jirrizultaw pruvati anke l-estremi tar-reat ta' kalunja u tar-reat ta' simulazzjoni reali ta' reat. Ghalhekk l-Avukat Generali qed jitlob riforma tas-sentenza fis-sens li Mary Cassar tinstab hatja wkoll skond l-ewwel imputazzjoni u skond it-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghas-simulazzjoni reali.

**6.** Din il-Qorti ezaminat bl-akbar reqqa il-provi kollha. L-ewwel osservazzjoni li din il-Qorti thoss li ghandha taghmel hi li, sfortunatament, din il-kawza, li wiehed m'ghandux jinsa li kienet wahda sommarja, ikkomplikat ruhha inutilment kemm minhabba l-mod konfuz li bih tressqu l-provi mill-prosekuzzjoni (b'hafna xiehda rrelevanti, bhal, per ezempju, dawk li kkonducew il-perkwisizzjoni fuq il-*cabin cruiser*, jew is-Supretendent Mario Spiteri li kkonduca l-investigazzjoni interna tal-Korp tal-Pulizija wara li Edward Cassar ilmenta dwar il-kondotta ta' diversi ufficjali tal-pulizija) u aktar minhabba irrelevanzi ohra introdotti fil-kawza kemm mill-avukat difensur tal-imputata Cassar kif ukoll mill-avukata tal-parti civili, cioe` ta' Edward Cassar. Dawn, fil-fehma ta' din il-Qorti, jidher li aktar kien mohhom biex jipprovaw jakkwistaw *Brownie points* ghall-klienti rispettivi taghhom fir-rigward tal-kawza ta' separazzjoni li hemm pendenti bejniethom, milli li jiffukaw fuq il-fatti li setghu iwasslu biex jigu ppruvati jew innegati l-elementi kostituttivi tar-reati ipotizzati fiz-zewg imputazzjonijiet. Bizzejjed jinghad li la mill-provi prodotti u anqas mis-sentenza appellata ma jirrizulta car x'kien is-suppost reat li Mary Cassar akkuzat lil zewgha bih, jew li hi ddenunzjat lill-Pulizija. Presumibbilment dan huwa r-reat ta' ricettazzjoni ta' delinkwenti (bl-Ingliz *harbouring of criminals*) kontemplat fl-Artikolu 158 tal-Kodici Kriminali. Jekk hu hekk, din il-Qorti tistaqsi: minn fejn mill-provi kollha akkwiziti fil-process jirrizulta li Mary Cassar kienet taf li l-persuna maghrufa bhala Pele` -- kien minn kien, ghalissa, dan Pele` -- kien "wanted" mill-Pulizija in konnessjoni ma' reat kif hemm indikat fl-imsemmi Artikolu 158 (cioe` reat li ghandu piena ta' prigunerija ta' aktar minn tliet xhur), u mhux, per ezempju, in konnessjoni ma' xi reat ta' natura kontravvenzjonali? Jew minn fejn jirrizulta li hija qalet, jew tat x'jifhem (imqar jekk b'mod indirett) lill-Ispettur Ellul jew lil xi ufficjal iehor tal-pulizija, li zewgha kien jaf li Pele` kien hekk imfittex mill-pulizija?

**7.** Din il-Qorti hi sodisfatta li dak li gara kien fl-ewwel lok il-frott ta' malintiz, abbinat mal-fatt li l-pulizija involuti – u principalment l-Ispettur Carlo Ellul – strah wisq fuq il-laqam bla ma pprova japprofondixxi jew jiccara ma' Mary Cassar l-identita` tal-Pele` li kien qed jirreferi ghalih hu u

tal-Pele` li kienet qed tirreferi ghalih l-imsemmija Cassar. Kieku l-kwistjoni ma kienitx hekk serja – anke billi spicca li saret perkwisizzjoni ghalxejn b'suldati armati fuq il-*cabin cruiser* ta' Edward Cassar – kieku wiehed kien verament jista' jitkellem dwar *a comedy of errors*. L-isfond ta' animosita`, minhabba l-kawza tas-separazzjoni, bejn Mary Cassar u zewgha Edward ukoll ma ghinx biex l-affarijiet jigu ezaminati bl-oggettivita` mehtiega.

**8.** Fil-fehma ta' din il-Qorti dak li jirrizulta li gara (ara in partikolari d-deposizzjoni tal-Ispettur Carlo Ellul a fol. 80 *et seq.*) kien li fit-23 ta' Lulju 2008, waqt li Mary Cassar marret taghmel wahda mid-diversi rapporti kontra zewgha in konnessjoni mal-*cabin cruiser*, din ikkonfidat mal-Ispettur Ellul li zewgha kien qed jaghmilha ma' nies kriminali – cioe` ta' kondotta mhux nadifa – li kienu qed ikunu mieghu fuq l-imsemmija opra tal-bahar. Fost dawn semmietlu wiehed li hija kienet tafu bil-laqam Pele`. Ismu ma kienitx tafu (ghalkemm insegwitu hija kkonfermat li kienet tafu wkoll bi speci ta' laqam iehor u cioe` Frankie ta' Londra). L-ispettur Ellul – possibilment anke mid-deskrizzjoni ta' fuq fuq li taghtu din Cassar – f'mohhu mar ghal certu Joseph Cini maghruf bhala il-Pele`. Ghalhekk huwa qal lil Mary Cassar li jekk tkun taf li dan Pele` jkun jinsab fuq il-*cabin cruiser* (li jidher li hija parti mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi Cassar), hija kellha tinfurmah u hu (cioe` l-Ispettur Ellul) imur jigbru ghax dan Pele` kien "wanted" mill-pulizija. U effettivament Mary Cassar hekk ghamlet, ghax fis-7 ta' Settembru ta' dik l-istess sena, wara li assigurat ruhha li l-Pele` li kienet taf hi kien fuq il-*cabin cruiser*, infurmat lill-Ispettur Ellul u dan, *a sua volta* informa lil ufficjali ohra tal-pulizija (fosthom l-Ispettur Mercieca). Il-pulizija infurmaw lill-Forzi Armati ta' Malta u dawn, akkumpanjati minn zewg ufficjali tal-pulizija, marru ghamlu perkwisizzjoni bil-lejl fuq il-*cabin cruiser* in kwistjoni li kienet ankrata fil-bajja tal-Ghadira. Hemmhekk sabu lil certu Francis Bonnett, maghruf bhala Pele, lil Mark Pirotta u, naturalment lil Edward Cassar. Lil Joseph Cini – il-Pele` li kellhom f'mohhom il-pulizija – ma sabuhx (effettivament dan gie arrestat band'ohra xi zmien wara). Dan huwa l-qofol ta' din il-kwistjoni kollha – malintiz li gie *blown out of all proportions*. Huwa minnu li f'certu hin l-

Ispettur Mercieca, meta Mary Cassar nizlet fejn kien hemm hu vicin il-bahar jistenna li s-suldati jsibu l-*cabin cruiser* u jitilghu fuqha ghall-fini tal-perkwisizzjoni, staqsiha jekk kienitx certa li l-Pele` kien Joseph Cini, pero` ghal Cassar dan l-isem ma kien ifisser xejn, u ghalhekk hi baqghet tinsisti li fuq il-*cabin cruiser* kien hemm il-Pele` (kif effettivament kien hemm). F'dan kollu din il-Qorti la tirravviza kalunja u anqas simulazzjoni ta' reat (verbali jew xort'ohra). Huwa minnu li l-intenzjonijiet ta' Mary Cassar li tghin lill-pulizija jsibu lill-Pele` x'aktarx li ma kienux ghal kollox illibati, fis-sens li hi zgur li ma kient ser tiddejjaq xejn tkun taf li minhabba l-perkwisizzjoni u s-sejba tal-Pele` li kien infittex mill-pulizija zewgha seta' jsib ruhu fil-gwaj jew ghal ta' l-anqas ikun imbarazzat – u dan minhabba l-animosita` ezistenti bejn l-imsemmija konjugi, kif gja` spjegat – izda tali intenzjonijiet jew xewqat hziena jammontaw, se mai, ghal motiv, liema <u>motiv wahdu ma jikkonkretizzax neccessarjament l-element formali</u> taz-zewg reati kontemplati fl-Artikoli 101 u 110(2) tal-Kap. 9.

**9.** Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiddisponi miz-zewg appelli bil-mod segwenti: (**a**) tirrespingi l-appell ta' l-Avukat Generali, u (**b**) tilqa' l-appell ta' Mary Cassar u konsegwentement thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata li permezz taghha l-imsemmija Mary Cassar instabet hatja tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghar-reat ta' simulazzjoni verbali, kif ukoll thassarha u tirrevokaha fejn illiberatha skond l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'mod ghalhekk li qed tillibera lill-imsemmija Mary Cassar minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------